MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1128/2000/1

**Avukat Dottor Edward Debono fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju tas-socjeta' estera assenti Alacakaya Mermer ve Maden Isletmesi Tic. Ve San. A.S.socjeta' registrata fit-Turkija kif debitament awtorizzat ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess.**

**VS**

**Delta Rock Ltd.**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ippremetta illi:

Peress illi l-attur nomine bejgh u kkonsenja b'diversi fatturi numri 15959, 15967, u 15979 datati 4 ta' Ottubru 1999, 11 ta' Ottubru 1999 u l4 ta' Ottubru 1999 rispettivament diversi partiti ta' irham ammontanti globalment ghas-somma ta' Dollari Amerikani 32.023.85 (tnejn u tletin, elf, u tlieta u ghoxrin punt hamsa u tmenin Dollari Amerikani) ekwivalenti ghal Liri Maltin 14.232.82 (erbatax il-elf mitejn u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmi) bir-rata ta' USD 2.25 ghall-kull Lira Maltija.

Peress illi l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' Dollari Amerikani 32.023.85 (tnejn u tletin elf, u tlieta u ghoxrin punt hamsa u tmenin Dollari Amerikani) oltre l-imghaxx legali mill-14 ta' Ottubru 1999.

Peress illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi biex ihallas is-somma bilancjali ta' Dollari Amerikani 32.023.85 (tnejn u tletin elf, u tlieta u ghoxrin punt hamsa u tmenin Dollari Amerikani) oltre l-imghax legali kif fuq intqal, dan baqa' inadempjenti.

Peress illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut.

Peress illi l-attur jaf lilu nnifsu b'dawn il-fatti kif fuq dikjarati.

Peress illi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjioni valida x'jissolleva.

Jghid il-konvenut prevju kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-Avukat Dottor Edward Debono nomine hawn anness u mmarkat bhala dokument A ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Dollari Amerikani 32.023.85 (tnejn u tletin elf, u tlieta u ghoxrin punt hamsa u tmenin Dollari Amerikani) ekwivalenti ghal erbatax il-elf mitejn u tnejn u tletin lira

Maltin u tnejn u tmenin centezmu (14.232.82) oltre l-imghax legali mill-14 ta' Ottubru 1999 jew somma ohra verjuri fid-data tas-sentenza skond ir-rata tal-kambju ta' dakinhar u dan rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' irham mibjugh u kkonsenjat lil konvenut f'dawn l-ahhar xhur.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datata 12 ta' April 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol.3 tal-process:

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Delta Rock Ltd.** a fol.14 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi ebda ammont ma hu dovut billi l-irham ikkonsenjat huwa difettuz u mhux tal-kwalita' patwita, kif ikkonstataw rappresentati tad-ditta estera li gew in situ jispezzjonaw dan l-irham.

B'riserva ta' kull azzjoni ta' danni spettanti lis-socjeta' konvenuta sofferti bhala rizultat ta' dan in-negozju,

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-degriet a fol 11 tal-process;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku a fol 41;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-perit nominat minn dina l-Qorti, wara li ezamina l-irham in kwistjoni, wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

Dwar l-irham "Petroleum Green" hu kkonkluda li dan l-irham ghandu konsistenza fqira hafna u huwa car li fl-

uzu li huwa ntiz ghalih ser johloq hafna problemi. Hu nnota wkoll li f'hafna mil-materjal kien hemm differenzi kbar fil-kulur. Tali prodott mhux tal-kwalita' pattwita u jvarja mill-kampjun.

L-irham "Rose Tea" jirrizulta li huwa bhal kampjun. Jirrikorru fih varjeta' ta' vini, haga li hija naturali f'hafna tipi ta' rham. Dan pero' ma jaghmlux difettuz. Il-perit qabbel dak li ezamina ghand id-ditta konvenuta mal-kampjun, u nnota li jirrizultaw simili. Dana anke fir-rigward tal-lostru. Dak li l-konvenut jilmenta minnu dwar il-lostru tal-vini jirrizulta wkoll fil-kampjun. Il-Perit ghalhekk ikkonkluda li ma jhossx li dan l-irham huwa difettuz jew mhux tal-kwalita' pattwita.

Dwar l-irham "Royal Biege" il-perit qabbel dan mal-kampjun prezentat u sab li huwa simili. Izda minn ezami aktar dettaljat innota fil-konsenja difett serju ta' konsistenza li jaghmlu differenti mill-kampjun. Dan iwassal biex tali konsenja ma taqbilx mal-kampjun u hija difettuza fil-konsistenza.

Illi l-konvenuti rrimettew ruhhom ghal-dana r-rapport u qghadu ghall-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku.

Illi skond id-dikjarazzjoni tal-konvenuti meta huma sabu d-difetti fil-konsenji, kienu kkomunikaw mas-socjeta' attrici u rapprezentanti taghha kienu gew Malta jezaminaw l-irham u ammettew li l-materjal li raw kien verament difettuz u accettaw li jiehdu lura l-materjal. Ma kienx hemm qbil biss dwar min kellu jissoporti l-ispejjez involuti biex l-irham jerga jintbaghat lura t-Turkija, cifra ta' circa 7,000 Dollaru Amerikan.

L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista' tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta' kawza illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati. Generalment konkluzzjonijiet peritali jistghu jigu attakkati bin-nomina ta' periti perizjuri jew b'produzzjoni ex parte ta' esperti fil-materja.

L-artikolu 681 tal Kap 12 jistabilixxi li l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie stabilit mill-Qrati taghna li “r-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra” N. Ellul vs Mary Caruana P.A. 28.2.200 u ghandu jigi skartat mill-Qorti meta jkun jidher “sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragjonevoli” G. Bugeja vs E. Muscat et App 23.6. 1967 L1-1-390 jew jezistu bizzejjed “ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju l-opinjoni teknika lilha sottomessa”. P. Grima vs C. Mamo App 29.5.1998.

Fil-kaz in ezami ma hemm ebda ragunijiet gravi u serji ghaliex il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit. Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-konkluzzjonijiet maghmulin mill-perit huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghmilhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ 9,348.80 dollari ekwivalenti ghall erbat elef disa’ u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmi (Lm4,089.76) fid-data tal-prezentat tac-citazzjoni, rapprezentanti l-prezz ta’ l-irham Rose Tea li jirrizulta li kien tal-kwalita’ pattwita u bla difett;
Spejjez kwantu ghal zewg terzi ghall attur u terz ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------